ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa’ LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 43/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 12 ta’ Mejju, 2022

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Kirkop iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fil-17:10hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

## MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

43.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 42

43.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 42 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

43.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mal-Viċi Sindku Joseph Schembri u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa mal-Kumpless Sportiv rigward il-parkeġġ.

43.3.1.1 Is-Sindku spjega li minn naħa tal-Kumpless jarawha bħala problema li dan il-parkeġġ jinfetaħ għall-pubbliku minħabba li hekk il-kumpless jiġi miftuħ. Biex dan jinfetaħ, irid isir kanċell id-dawra kollha minħabba s-sigurtà tal-iskola u l-kumpless.

43.3.1.2 Minn naħa tal-Kumpless Sportiv infurmawna li ser isir proġett li bih ser jittieħed parti mill-parkeġġ u għaldaqstant ma jkunx vijabli li jintefqu flus għall-kanċell biex imbgħad ma jkunx jista' jintuża bħala parkeġġ.

43.3.1.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li għalissa jibqa' kollox kif inhu.

43.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mal-Viċi Sindku Joseph Schembri u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu ma rappreżentanti mill-Malta Air Traffic Services fejn kienu ddiskutew xi proposti ambjentali, li jinkludu l-avjazzjoni, li xtaqu jagħmlu biex ifakkru l-20 sena anniversarju mit-twaqqif tal-MATS.

43.3.2.1 Huma qalu li għandhom ajruplan 'Canberra' li xtaqu jagħmlulu *refurbishment* u jagħtuh lill-Kunsill biex jitpoġġa x'imkien f'Ħal Kirkop. Hu jokkuppa area ta' ftit aktar minn 20 metru b'20 metru.

43.3.2.2 Huma ssuġġerew ir-*roundabout* ta' bejn Triq Valletta Żurrieq, Triq Valletta Mqabba, Triq il-Madonna tad-Dawl u Triq l-Industrija Ħal Kirkop.

43.3.2.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u minħabba li l-ispazju hu limitat qablu li din il-proposta ma tistax tiġi aċċettata.

43.3.2.4 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li l-MATS kienu wkoll interessati fil-proġett tal-observation area iżda jaraw li l-ispiża ta' dan il-proġett tmur 'l hemm ħafna minn dak li jistgħu joffru huma.

43.3.2.5 Is-Sindku Terence Agius qal ukoll li l-MATS ikunu interessati wkoll jagħmlu tours għall-istudenti ta' Ħal Kirkop biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar f'hiex tikkonsisti karriera fl-avjazzjoni.

43.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien iltaqa' ma rappreżentanti tal-ERA rigward infurzar relatat mal-iBins u ħruġ ta' skart mhux skont l-iskeda.

43.3.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jgħaddu d-dettalji tal-postijiet fejn l-iktar jinħareġ skart mhux skont l-iskeda u fil-ħin ħażin.

43.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Kumitat ta' Kirkop United FC fejn xtaqu għajnuna finanzjarja biex jingħata premju lis-Sezzjoni tal-Youths peress li dawn ġew promossi għas-Sezzjoni B. Dan huwa ta' unur għall-klabb ta' Ħal Kirkop li kiseb unur u ġieħ għar-raħal li jirrappreżenta.

43.3.4.1 Il-Kunsilliera qablu li jagħtu €500 għajnuna għall-ispejjeż involuti f'dan ir-rigward.

43.3.4.2 Is-Sindku Terence Agius qal li minn naħa ta' Rousset, Franza kienu reġgħu stiednu lit-tim tal-futbol biex jitla' Rousset u jilgħabu kontra tim minn hemmhekk bħala turija ta' ħbiberija fil-ġemellaġġ iffirmat bejn iż-żewġ Kunsilli.

43.3.4.3 Il-Kunsilliera qablu li jitkellmu mal-Kumitat ta' Kirkop United FC fejn noffrulhom ukoll din il-proposta.

43.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Għaqda Mużikali San Leonardu dwar talba għal *No Objection* biex tiġi organizzata l-attività 'The 80s & 90s Music Festival'.

43.3.5.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li apparti hekk huma kienu talbu għajnuna biex il-Kunsill joffri bins u s-servizz tal-kennies.

43.3.5.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din it-talba u qablu li jagħtu n-'No Objection' għal din l-attività u l-Kunsill jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex isir it-tindif u jipprovdi l-*bins*.

43.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/4/2022 dwar Korsijiet  Korsijiet Lifelong Learning 2022/2023 Offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità.

43.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li għal din is-sena ma jieħdux sehem f'dawn il-korsijiet.

43.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn WEEE Malta rigward ġbir ta' Skart Elettroniku bieb bieb mill-organizzazzjoni kollettiva bħala proġett pilota fuq bażi reġjonali.

43.3.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li ma jkunux parti minn dan il-proġett pilota.

43.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand it-TCTC rigward korsijiet għas-sajf fil-Kunsilli Lokali.

43.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li ma jkunux parti minn dawn il-korsijiet minħabba li l-ispiża hija għolja ħafna għal Kunsill żgħir bħal tagħna.

43.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-Dementia Intervention Team rigward sessjonijiet informattivi fil-komunità.

43.3.9.1 Il-Kunsilliera iddiskutew din il-materja u qablu li ssir sessjoni f'Ħal Kirkop.

43.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta rigward il-preżentazzjoni tal-MoU dwar it-Tneħħija tal-Ħaxix Selvaġġ mill-Passaġġi Rurali.

43.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill għalissa jibqa' ma jiffirmax dan l-MoU.

43.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ECAD Membership.

43.3.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena l-Kunsill ma jħallasx din il-*membership*.

## 43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

43.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar ir-*road markings* fi Triq Danny Cremona k/m Triq ir-Ramlija.

43.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dawn kellhom isiru minn Infrastracture Malta u sa issa għadhom ma sarux. Ser ikun qed jitkellem ma Infrastracture Malta biex jara jekk nistgħux nagħmlu x-xogħol aħna u jħallsuna huma.

43.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li kien hemm xi nies li kienu qed jaraw il-ħajt ta' Triq ir-Ramlija u meta kellimhom qalulu li ser jirranġaw il-ħajt. Hu qal li aktarx li dawn intbgħatu mill-Public Works.

43.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar ir-restawr tal-arkata ta' San Ġakbu.

43.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-applikazzjoni ġiet approvata u x-xogħol ser jibda.

43.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar tabella li hemm mgħawġa fir-*roundabout* ta' Triq l-Industrija għax qegħda ta' periklu għar-residenti.

43.4.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jiċċekkjawha l-ħaddiema u jneħħu l-periklu.

43.4.5 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar toqob tal-armar tal-festa fi Triq San Pietru u fi Triq Taż-Żebbiegħ.

43.4.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li diġà tkellem ma' Infrastracture Malta biex dawn it-toqob jerġgħu isiru għax dawn ingħalqu minnhom meta saru t-toroq bit-tarmak. Hu qal li ser jerġa' jagħtihom tfakkira.

43.4.6 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:15hrs.

43.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea qal li kellu lmenti rigward il-knis fi Triq Danny Cremona, ħdejn il-klinika ta' Ħal Kirkop.

43.4.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur biex partijiet fejn jinġabru ħafna nies jinkinsu kuljum.

43.4.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar l-għajnuna li l-Kunsill jagħti lill-għaqdiet tal-lokalità.

43.4.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn l-għotjiet u qablu li jibqgħu fuq il-*budgets* li kienu ddiskutew f'Seduta Nru. 36. Il-Kunsilliera qablu li l-għaqdiet ikunu infurmati bl-ammonti tagħhom, biex dawn il-valuri ma jinqabżux. Kull spiża mitluba tinħareġ minn dan il-fond, tkun xi tkun l-ispiża.

43.4.8.2 Ser jinżamm rendikont tal-għotjiet kollha li jingħataw biex kull għaqda tkun tista' tara kemm fadal matul is-sena, wara kull talba.

## 43.5 Rapport tal-Ilmenti

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward ilma tax-xita li joqgħod quddiem dar fi Triq Nerik Xerri.

43.5.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din it-triq qiegħda fil-lista ta' toroq li ser isiru minn Infrastracture Malta u għaldaqstant il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn għajr li jressaq l-ilment ta' dan ir-resident quddiem Infrastracture Malta.

43.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward tabella fi Triq Ta' l-Aħfar, liema tabella kienet qed tostakola il-ħruġ u d-dħul minn garaxx.

43.5.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din ser tinqala' u teħel fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bankina biex hekk ma tkunx qegħda ta' ostakolu.

43.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 43.6 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2022

43.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2022. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq l-Ewwel Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

43.6.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2022 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 43.7 Laqgħa Annwali tal-Lokalità – 24 ta' Mejju, 2022

43.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien mitlub mil-liġi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop kellu jagħmel Laqgħa Annwali tal-Lokalità matul ix-xahar ta' April.

42.10.1 Is-Sindku kompla jgħid li minħabba l-Elezzjoni Ġenerali, l-Kunsill ma kienx laħħaq sejjaħ din il-laqgħa għal April u infatti fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti kien ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fl-24 ta' Mejju, 2022.

42.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet ħadmet fuq ir-Rapport Amministrattiv biex jitressaq f'din il-laqgħa. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan ir-rapport u għaldaqstant ġie approvat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien jonqos il-parti li kellha tiġi ppreparata mill-Kunsilliera u fakkret li kull Kunsillier kellu jħejji rapport biex jiġi inkluż ma' dan ir-Rapport Amministrattiv.

42.10.3 Biex ir-residenti jkunu infurmati dwar din il-laqgħa, kienet tqassmet ittra f'kull residenza f'Ħal Kirkop, fil-ħwienet u fl-għaqdiet u sar ukoll reklam fuq il-paġna ta' *facebook* u fuq il-*website* tal-Kunsill.

## 43.8 Programm – Jum Ħal Kirkop – 29 ta' Mejju, 2022

43.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għaddej bil-preparamenti meħtieġa biex jiġi organizzat Jum Ħal Kirkop 2022.

43.8.2 Is-Sindku kompla jgħid li l-programm għal din is-serata huwa dak kif maqbul f'Seduta Nru. 42, minuta 42.11.

43.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet tkellmet mal-Kappillan biex tiġi organizzata l-quddiesa u kellha konferma.

43.8.4 Apparti hekk l-inviti kienu nħarġu kollha, inkluż l-ittri lill-Kunsilliera li servew fit-tmien leġislatura.

## 43.9 Proġett ta' *Bike Racks* f'Ħal Kirkop

43.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għaddej b'komunikazzjoni mal-Kulleġġ San Benedittu Skola Sekondarja rigward proġett ta' *bike racks*, biex l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu użu mir-rota biex imorru l-iskola.

43.9.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega aktar fid-dettal x'kien il-ħsieb tal-Kulleġġ peress li hija kienet attendiet għal-laqgħa kordjali dwar l-istess suġġett .

43.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'isem il-Kunsill kienet attendiet għal attività żgħira li saret fl-Iskola Sekondarja fejn ingħataw premjijiet lil studenti li ħadu sehem f'kompetizzjoni li tippromwovi ħidma u toħloq kuxjenza favur ambjent aħjar għal kulħadd, organizzata mit-tim ta' Eko Skola.

43.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li waqt din l-attività l-istudenti membri fil-Kumitat Eko Skola, flimkien mas-Surmast u l-għalliema, urewha s-sit fejn jixtiequ li jsiru *bike racks* biex l-istudenti jkunu jistgħu imorru l-iskola bir-rota.

43.9.5 Hija qalet li l-ħsieb tal-iskola hu li fejn ser isiru l-*bike racks* issir tinda żgħira li fuqha jeħlu wkoll panelli biex hekk dan il-proġett ikun kollu sostenibbli. Minn naħa tal-iskola ser ikunu qed jibgħatu aktar dettalji għall-attenzjoni tal-Kunsill biex inkunu nistgħu naraw sa fejn il-Kunsill jista' jgħin.

43.9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li s-Surmast irringrazzja ħafna lill-Kunsill li kien qed joffri l-għajnuna biex dan il-proġett ikun suċċess għal ġid ta' uliedna u l-ambjent li ngħixu fih.

43.9.7 Apparti hekk is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet tinsab ferm onorata li l-Kumitat tal-Eko Skola tal-Iskola Sekondarja ta' Ħal Kirkop kien innomina lill-Kunsill ta' Ħal Kirkop għat-*Transport Champion Stakeholder Award,* li huwa *award* organizzat min-NatureTrust FEE – Malta. Din in-nominazzjoni saret minħabba s-sapport li l-Kunsill qed jagħti lill-Iskola Sekondarja biex twettaq l-i*School's Green Travel Plan*.

43.9.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kient diġà ġabret xi kwotazzjonijiet dwar *bike racks* iżda kienet qed tistenna mingħand l-Iskola Sekondarja biex ikollha l-pjan sħiħ f'idejha.

43.9.9 Apparti hekk, is-Segretarju Eżekuttiva qalet li kienet tkellmet ukoll mal-Kap tal-Iskola Primarja u din ukoll kienet uriet ix-xewqa li jkollha *bike racks* għall-użu tat-tfal tal-iskola tagħha.

43.9.10 Il-Kunsilliera qablu li jistennew il-pjan kollu tal-iskola biex tkun tista' ssir applikazzjoni għall-*bike racks* u ssir l-ordni tagħhom.

## 43.10 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

43.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera jekk kinux raw id-dokument tas-sejħa għall-offerti dwar knis ta' toroq li kien intbgħat lilhom, peress li kien hemm bżonn li din is-sejħa tinħareġ.

43.10.2 Il-Kunsilliera qalu li minħabba diversi impenji ma kienux għadhom raw dan id-dokument fid-dettal u għaldaqstant talbu biex dan l-*item* jimxi fuq l-aġenda tal-laqgħa tax-xahar ta' Ġunju. Apparti hekk huma talbu biex jistennew sakemm ikun hemm l-eżitu dwar it-*tender* reġjonali tal-ġbir ta' skart.

43.10.3 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 43.11 Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

43.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera kif kienu se jmexxu fir-rigward tas-sejħa għall-offerti dwar tabelli u sinjali tat-traffiku, peress li kien hemm bżonn li din tinħareġ.

43.11.2 Il-Kunsilliera qalu li kif kienu ddiskutew f'laqgħat preċedenti din is-sejħa għandha toħroġ meta tkun iffinalizzata s-sejħa għall-offerti dwar knis ta' toroq.

43.11.3 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 43.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

43.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 126 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

43.12.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 126 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 43.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

43.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

43.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju, 2022 fl-16:30hrs.

43.13.3 Il-laqgħa ntemmet fid-21:30hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 14 ta' Ġunju, 2022

**Mozzjoni Ref:** 233/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta’ Seduta Nru. 42.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta’ Mejju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 234/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Mejju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 235/22/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2022 jiġu approvati.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Mejju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 236/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 126.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Mejju, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**